MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 187/2010

**Rikors Numru 187/2010**

**MCE Limited (C3459)**
**vs**

**Kevin Attard f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali V. Attard (Works) Limited (C33136)**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Mejju 2010, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef disgha mija wiehed u hamsin Euro u sebgha u disghin centesmu (€6,951.97) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' sebat elef disa' mija u wiehed u hamsin Euro w sebgha w disghin centesmu (€7951.97) rapprezentanti prezz ta' *armoured cable* mibjugh u kkonsenjat lilu fuq inkarigu tieghu stess..

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati .
Rat il-verbal taghha tal-5 ta' Lulju 2010 fejn deher Dr. Clayton Fenech ghall-konvenut u nforma l-Qorti li l-flus fil-fatt huma dovuti u l-klijent tieghu ser jaghmel il-pagament dovut fil-gimghat li gejjin.

Semghet lil Ivor Pugliesevich jixhed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, u dan fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' attrici fejn ikkonferma l-kreditu tieghu fil-konfront tal-konvenut u dan fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur. Ikkonferma li din is-somma tirrapprezenta bejgh ta' *cables* konsenjati lill-konvenut. Mistoqsi jekk il-konvenut ghamilx xi pagament fil-mori tal-kawza, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef disgha mija wiehed u hamsin Euro w sebgha w disghin centesmu (€6,951.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi, u cioe' mit-28 ta' April 2010.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------